**FIT - TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

**Ġudikatur: Dr. Claudio Żammit**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 27 ta' Mejju 2021**

**Talba Nru: 277/19 CZ**

**Halmann Vella Limited (C-28088)**

**vs.**

**George Gauci**

**It-Tribunal,**

Ra t-talba tas-socjeta' attrici mressqa fl-1 t'Ottubru 2019, li biha premettiet:

Illi s-socjeta' rikorrenti kienet inkarigata taghmel xoghlijiet ta' madum mill-intimat.

Illi dan ix-xoghol sar skond is-sengha u l-arti, fattura annessa Dok. A;

Illi l-intimat qieghed jopponi li jhallas minghajr raguni valida.

Illi l-intimat gie interpellat sabiex jesegwixxi dal-hlas izda baqa' inadempjenti.

Ghaldaqstant, l-esponenti umilment jitlob lil dan it-Tribunal sabiex joghgbu:

a. Jikkundanna lill-intimt bhala debitur tas-socjeta' rikorrenti fis-somma ta' elf, mija u tnax-il Euro u tnejn u tletin centezmu (€1,112.32);
b. Jordna lill-intimat sabiex ihallas lill-esponent is-somma ta' elf, mija u tnax-il Euro u tnejn u tletin centezmu (€1,112.32).

Bl-ispejjez u bl-imghax skond il-ligi.

Ra r-risposta tal-konvenut imressqa fil-21 t'Ottubru 2019, li biha wiegeb:

Illi huwa veru li huwa inkariga lis-socjeta` rikorrenti sabiex jipprestaw xoghol ta` tqeghid ta` madum.

Illi tali xoghol ma sarx skond is-sengha u l-arti, u wara korrispondenza bejn l-avukati tal-partijiet li pprezentaw u skambjaw rapporti tal-periti, is-socjeta` rikorrenti istitwiet din il-kawza wara li l-konvenut talabha tirrettifika jew taqla` l-madum imwahhal minnha u dan ghaliex tali madum u tqeghid tieghu ma sarx skond is-sengha u l-arti kif titlob il-ligi.

Ghaldaqstant il-konvenut qed isostni li l-bilanc rikjest mis-socjeta` rikorrenti altru li ma huwiex dovut, anzi, kif ser jigi mfisser fil-kontro-talba, dan it-Tribunal ghandu jordna li jigi maqlugh u l-konvenut rifondut [sic] id-depozitu.

Bl-ispejjez tal-prezenti.

Illi l-konvenut ressaq ukoll kontro-talba li permezz taghha premetta:

Minhabba li l-madum huwa difettuz u t-tqeghid sar hazin, dan it-Tribunal ghandu jordna lis-socjeta` rikorrenti tirrifondi lill-konvenut id-depozitu li hu hallasha fl-ammont ta` €700 waqt li jordnalha li a spejjez taghha taqla` l-madum li tqiegehed.

Bl-ispejjez.

Illi permezz ta' risposta ghall-kontro-talba mressqa fit-30 t'Ottubru 2019, is-socjeta' attrici rikonvezjonata wiegbet:

1. Preliminarjament l-intimat irid jindika taht liema artikoli tal-ligi qieghed jaghmel it-talbiet tieghu;
2. Illi fil-mertu tal-perit tal-konvenut [sic] huma infondati fil-fatt u fid-dritt u dan stante illi x-xoghlijiet saru skond is-sengha u l-arti, u dan kif jirrizulta mir-rapport ta' Mario Cassar [sic] li diga' gie esebit mat-talba u li se jigi ahjar pruvat waqt it-trattazzoni tat-talba.
3. Salv eccezzjonijet ohra in vista tal-ewwel eccezzjoni.
4. Is-socejta' esponenti m'ghandhiex tbati spejjez.

Bl-ispejjez kontra l-intimat li hu minn issa ingunt ghas-subizzjoni.

It-Tribunal:

Ra l-atti;

Sema' x-xiehda ta' Mark Vella[1], ra r-rapport mahluf tal-Perit Mario Cassar[2], il-konvenut[3], Saviour Micallef[4], ra l-affidavit tal-konvenut[5], Saviour Micallef[6], u ra r-rapport mahluf tal-Perit Ludovico Micallef[7].

Ra illi l-kawza giet differita ghas-sentenza ghal-lum.

---

[1] Fol. 19
[2] Fol. 38 et seq.
[3] Fol. 59
[4] Fol. 62
[5] Fol. 67
[6] Fol. 82
[7] Fol. 100

Ikkunsidra:

Illi **Mark Vella** xehed illi l-konvenut kien xtara madum artigjanali minghand is-socjeta' attrici. Il-prezz kien jinkludi wkoll it-tqeghid u l-ghorik. Ix-xhud kien mar jara l-madum imqieghed ghand il-konvenut, u ddecieda li jibghat perit, li mbaghad ghamel ir-rapport tieghu. Sostna illi dan it-tip ta' madum isir wahda wahda, u ma jkunx stampat. Ghalhekk kull maduma ghandha d-differenza taghha. Il-prezz tal-materjal u x-xoghol kien ta' elf, tmin mija u tnax-il Euro u tnejn u tletin centezmu (€1,812.32), li minnhom il-konvenut kien diga' hallas seba' mitt Euro (€700) bhala depozitu.

Illi **l-Perit Mario Cassar** xehed illi dan huwa madum artigjanali u li skond hu, ikkunsidrat li huwa ta' din in-natura, il-madum u t-tqeghdi u l-ghorik saru skond is-sengha u l-arti, minkejja li fid-disinn jidhru certi imperfezzjonijiet, bhal ma kien hemm ukoll fil-kamra fejn kien hemm imwahhal madum simili izda ferm iktar antik.

Illi l-**konvenut** qal li l-halib bejn maduma u ohra nqata' kollu, u l-fjura tad-disinn li hemm fin-nofs ma taqbilx. Zied illi jekk titwaqqa' xi haga fuqu, bhal zalza, il-madum jittebba', u li ghalhek l-ghorik ma sarx kif suppost. Qal ukoll illi d-disinn ma jvarjax bi ftit millimetri, ghaliex li kieku dan huwa normali. Id-disinn jidher madankollu li ma jaqbilx mill-boghod. Aktar ma beda jghaddi z-zmien, il-madum beda wkoll jixxaqqaq. Zied illi meta l-madum thalleb u nghorok, fil-madum hargu iktar difetti bejn maduma u ohra. Qal illi ghalhekk huwa qed jikkontendi li l-bilanc ma hux dovut. Il-konvenut esebixxa sett ta' ritratti li juru madum imxaqqaq, disinni li ma jaqblux, u fili miftuhin. **Saviour Micallef** xehed illi l-madum apparti li qed jittebba, qed jixxaqqaq. Qal ukoll li dak li gie jhalleb il-madum, kien spicca jizbogh il-madum bil-*marker*. Zied illi l-madum l-abjad tal-bordura ma jaqbilx mal-abjad tal-madum tad-disinn. Qal ukoll illi x-xoghol sar minn zewg persuni differenti, li jidher li kienu kuntratturi mqabbda mis-socjeta' attrici u mhux

impjegati taghha. L-ewwel haddiem dahal biex ihalleb il-madum wara li lesta t-tqeghid it-tieni wiehed. Sussegwentement gie iehor sabiex joghrok il-madum, li qal li x-xoghol mhuwiex sew. Mark Vella, direttur tas-socjeta' attrici mar fuq il-post, u qal li kien lest li jaghmel il-bordura bid-disinn, minflok dik bajda li saret.

Illi l-**Perit Anthony Bezzina** xehed illi d-disinni tal-madum ma kinux jaqblu, il-fili ma kinux imhallbin sew, l-ghorik ma sarx kif imiss, u kien hemm madum imxaqqaq, apparti li fejn il-bordura bajda tiltaqa' mal-madum tad-disinn, ma kienx hemm alineament tajjeb. Ix-xhud provda ritratti relattivi ghad-difetti imsemmija. Il-**Perit Ludovico Micallef** ukoll prezenta rapport li fih indika illi d-disinn fil-madum ma jaqbilx, partikolarment fejn erba' madumiet jiltaqghu fic-centru taghhom, u qal ukoll illi l-kulur tal-bordura huwa differenti minn dak tal-madum l-iehor, it-tahlib u l-ghorik ma kienx tal-livell mehtieg, u li kien hemm ukoll xi xquq irqaq f'ammont zghir ta' madum.

Ikkunsidra ulterjorment;

Illi f'din il-kawza is-socjeta' attrici qed titlob il-bilanc tal-prezz ghal madum, inkluz it-tqeghid tieghu, li tqieghed fil-fond tal-konvenut. Il-konvenut min-naha l-ohra jostni li x-xoghol ma sarx skond is-sengha u l-arti u ghalhekk m'ghandux ihallas. Il-konvenut anzi ghamel kontro-talba fejn talab ili jinqala' l-madum u jinghata lura d-depozitu minnu mhallas.

Illi l-avukat difensur tas-socjeta' attrici talbet li tipprezenta nota dwar il-kompetenza ta' dan it-Tribunal, u t-Tribunal laqa' t-talba, izda l-ebda nota ma giet prezentata. Din il-kwistjoni sejra madankollu tigi mistharrga ex officio mit-Tribunal innifsu iktar 'il quddiem f'din is-sentenza.

Illi l-konvenut prezenta wkoll nota fi stadju ahhari tal-kawza, meta l-provi kienu maghluqa, u l-kawza thalliet ghas-sentenza, fejn indika illi huwa qed jibbaza r-risposta tieghu fuq l-Artikolu 1640 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Mata, filwaqt li qed jibbaza l-kontro-talba fuq l-Artikolu 1427 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi t-Tribunal kellu l-opportunita' jqis ix-xoghol maghmul mis-socjeta' attrici kemm mix-xiehda moghtija, inkluz ta' tliet periti, kif ukoll minn diversi ritratti li wrew ghas-sodisfazzjoni tat-Tribunal stampa sufficjenti sabiex it-Tribunal jista' issa jaghmel il-konkluzjonijiet tieghu dwar ix-xoghol maghmul. F'din il-parti tas-sentenza ser tigi l-ewwel trattata t-talba promotrici. Filwaqt li mhuwiex kontestat li l-prezz miftiehem bejn il-partijiet kien dak indikat mis-socjeta' attrici, il-konvenut isostni li m'ghandux ihallas il-bilanc u li anzi l-madum ghandu jigi maqlugh.

Illi t-Tribunal qies illi l-perit tas-socjeta' attrici irrikonoxxa li l-lanjanzi tal-konvenut kienu vizibbli, izda ggustifika dawn il-lanjanzi billi qal li dawn huma tollerabbli meta wiehed jikkonsidra l-ghamla u t-tip ta' madum li gie mqieghed. Il-periti tal-konvenut min-naha l-ohra jelenkaw id-difetti u f'linja fl-ahhar tar-rapport taghhom jghidu li qed jannettu ritratti tax-xoghol li ma sarx skond is-sena u l-arti/difetti. Jidher car ghalhekk illi l-periti rispettivi tal-partijiet mhux qed jaqblu bejniethom dwar jekk ix-xoghol imsemmi sarx skond is-sengha u l-arti; filwaqt li ghal wiehed dak li sar huwa tollerabli, ghall-ohrajn dan jikkostitwixxi xoghol hazin. Dan iwassal sabiex ikun it-Tribunal li jiddeciedi lil liema verzjoni ha jaghti iktar piz.

Illi ghandu jinghad illi filwaqt li t-Tribunal jifhem li dan il-madum maghzul mill-konvenut ma jistax isir bil-mezzi mekkanizzati tal-lum, kemm kwantu jirrigwarda t-tahlita kif ukoll il-qatgha u l-finishes tieghu, xorta jibqa' l-fatt li hemm prattici u standards sabiex ix-xoghol isir kif imiss. Id-disinn qieghed hemm sabiex johrog bhala disinn shih u alineat u mhux sabiex semplicement jitqieghed u mbaghad jigi kif jigi. Huwa evidenti li d-disinn fil-madum imqieghed ma jaqbilx, u ma jaqbilx

b'mod lampanti, kif jixhdu del resto anke l-periti tal-konvenut, u anke kif ammess mill-perit tas-socjeta' attrici.  Ghat-Tribunal dan mhuwiex accettabbli, u din mhijiex kwistjoni ta' tolleranza minhabba li l-madum huwa mahdum bil-metodu l-antik. Tqiegħed ghadd ta' madum fl-imghoddi b'disinji varji li assolutament ma jtukx l-impressjoni ta' nuqqas ta' koordinament fid-disinn li jezisti fil-madum mertu tal-kawza.  Apparti dan, hemm ghadd ta' difetti ohra illi s-socjeta' attrici ma wegbitx ghalihom, jew jekk wiegbet, ma wegbitx b'mod konvincenti: ewlenija fosthom id-differenza fil-kulur bejn il-bordura u l-madum li fuqu ghandu d-disinn, li gie stabbilit li tezisti verament.  Hemm ukoll id-difett carament vizibbli ta' fili miftuha illi minnhom jirrizulta illi t-tahlib ma sarx kif imiss, apparti l-fatt ukoll illi il-fili tal-bordura ma humiex alineati sewwa mal-fili tal-madum bid-disinn.  Dawn huma difetti li t-Tribunal seta' jikkonstatahom pjenament mir-ritratti esebiti.

Illi jirrizulta ghalhekk illi l-lanjanzi tal-konvenut huma minnhom, u s-socjeta` attrici ma jisthoqqilhiex tithallas il-bilanc ghal dan ix-xoghol hazin.  Dan ghaliex il-kuntratt ta' bejn il-partijiet kien sabiex ix-xoghol isir b'mod tajjeb, skond is-sengha u l-arti, izda mill-provi prodotti jirrizulta li x-xoghol ma sarx hekk, kemm kwantu ghall-materjal kif ukoll ghax-xoghol tal-idejn.

**<u>Il-kontro-talba</u>**

Illi kwantu ghall-kontro-talba, il-konvenut qed jindika li qed iressaq din bhala azzjoni redibitorja ai termini tal-Artikolu 1427 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta, li jipprovdi:

> Fil-każijiet imsemmijin fl-artikoli 1424 u 1426, ix-xerrej jista' jagħżel, billi jiġi 'l quddiem bl-azzjoni redibitorja, li jagħti lura l-ħaġa u jitlob ir-radd tal-prezz, inkella, billi jiġi 'l quddiem bl-azzjoni stimatorja, li jżomm il-ħaġa u jitlob lura dik il-biċċa mill-prezz li tiġi stabbilita mill-qorti.

Illi l-kompetenza ta' dan it-Tribunal hija definita f'Artikolu 3 (2) tal-Kap. 380 tal-Ligijiet ta' Malta, li jipprovdi:

> Bla ħsara għas-subartikolu (5), it-Tribunal għal Talbiet Żgħar ikollu ġurisdizzjoni biex jisma' u jaqta' biss it-talbiet kollha ta' flus ta' ammont ta' mhux iżjed minn ħamest elef euro (€5,000):

Illi dak li qed jitlob il-konvenut rikonvenzjonant huwa sabiex:

> Minhabba li l-madum huwa difettuz u t-tqeghid sar hazin, dan it-Tribunal ghandu jordna lis-socjeta' rikorrenti tirrifondi lill-konvenut id-depozitu li hu hallasha fl-ammont ta' €700 waqt li jordnalha li a spejjez taghha taqla' l-madum li tqiegehed.

Illi ghalhekk l-azzjoni rikonvenzjonanti tal-konvenut taqa' pjenament fil-parametri tal-azzjoni redibitorja, kif indikat mill-konvenut stess, stante li qed jitlob li l-haga mibjugha tintradd lura u jintraddlu lura l-prezz (jew parti mill-prezz li kien hallas).

Illi jmiss ghalhekk lit-Tribunal li jiddeciedi jekk din it-talba hijiex talba ta' flus kif indikat f'Artikolu 3 tal-Kap 380 tal-Ligijiet ta' Malta fuq indikat, jew inkella hijiex talba li tmur oltre dan.

Illi fis-sentenza ta' dan it-Tribunal diversament presjedut fl-ismijiet *Mario Grima vs. Malta Air Traffic Services Limited*[8], intqal:

> Fis-sentenza tal-15 ta' Ottubru 1998 fl-ismijiet "Martin Aquilina *pro et noe vs* Moira Chircop", il-Qorti tal-Appell tat x'wiehed jifhem li l-kompetenza ta' dan it-Tribunal ma testendix ghal talbiet li huma ta' natura kumplikata u mhux sempliciment kwistjoni ta' hlas ta' kreditu *sic et simpliciter*. Sentenzi ohra madankollu jirritjenu li l-fatt li jkun hemm konsiderazzjonijiet ta' natura legali li jridu jsiru jew li kwistjoni tkun kumplikata, ma jwassalx ghal nuqqas ta' gurisdizzjoni. Fis-sentenza tal-20 ta'

[8] Moghtija fl-24 t'Ottubru 2016 – 86/2016 JB

> Ottubru 2003 fl-ismijiet "Publius Micallef *vs* Sunroute Company Ltd", il-Qorti tal-Appell dwar il-gurisdizzjoni ta' dan it-Tribunal irriteniet:
>
> > Jekk kull meta tinsorgi materja ta' din ix-xorta l-Gudikatur jaqa' fuq l-iskappatoja ta' kemm hu innifsu jqis il-materja ta' natura kumplikata biex b'hekk jiddeklina milli jitrattaha u jiggudikaha jkun tabilhaqq, fil-fehma ta' din il-Qorti, qieghed b'mod semplicistiku jabdika mid-doveri tieghu, jekk mhux ukoll jistultifika l-istess ligi li kkrejat it-Tribunal specjali. Tali affermazzjonijiet leggeri jew pronunzjamenti spiccjattivi la ghandhom jigu konsentiti u wisq anqas lodati jew segwiti.

Illi in linea mas-sentenza appena citata, dan it-Tribunal huwa tal-fehma illi l-kompetenza tieghu fil-fatt ma tiddependix minn kemm kwistjoni hija kumplikata jew le, izda, f'kaz bhal dak odjern, it-Tribunal irid xorta jqis il-kwistjoni tal-kompetenza, u jissenjala din il-kwistjoni anke ex officio jekk jidhirlu li l-mertu ma jaqax taht il-kompetenza moghtija lilu mil-ligi.

Illi huwa car illi l-konvenut rikonvenzjonant mhuwiex qed jaghmel biss talba ta' flus, izda qed jitlob ukoll il-qlugh tal-madum. Zgur mhuwiex fil-kompetenza ta' dan it-Tribunal li jordna qlugh ta' madum bhala parti mill-azzjoni redibitorja, ghaliex din zgur mhijiex 'talba ta' flus'. It-Tribunal qed iqis illi z-zewg talbiet tal-konvenut rikonvenzjonant, u cioe' l-qlugh tal-madum u r-radd lura tad-depozitu, fil-fatt jiffurmaw parti minn azzjoni wahda, li hija l-azzjoni redibitorja, li hija se mai kompetenza tal-Qorti tal-Magistrati u mhux ta' dan it-Tribunal. It-Tribunal ghalhekk qieghed iqis li l-azzjoni shiha tal-konvenut rikonvenzjonant ma taqax taht il-kompetenza tieghu, u qed jissenjala dan ex officio.

Illi fl-istess waqt, din il-mankanza proceduràli ma tistax tigi sanata billi wiehed idur ghal dak li llum huwa l-Artikolu 741 (b) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, ghaliex dik il-procedura hija riservata biss ghal 'qorti' u mhux ghal tribunal bhal dan.

**Ghaldaqstant, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi, in kwantu ghat-talba promotrici, jilqa' l-eccezzjonijiet tal-konvenut u jichad it-talbiet tas-**

**socjeta' attrici, u in kwantu għall-kontro-talba, jiddikjara li mhuwiex kompetenti sabiex jisma' u jiddeciedi din il-kontro-talba.**

**L-ispejjez u drittijiet tat-talba promotrici għandhom jithallsu mis-socjeta' attrici, filwaqt li l-ispejjez u drittijiet relattivi għall-kontro-talba għandhom jithallsu mill-konvenut rikonvenzjonant.**

**Dr. Claudio Żammit**

**Gudikatur**

Susanna Fenech

Deputat Registratur